

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2015 – ZZ vs UASI**(Kawża F-48/15)**

(2015/C 190/42)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* ZZ (rappreżentanti: T. Bontinck u A. Guillerme, avukati)*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI)**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Annulament tar-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrenti għall-proċedura ta' evalwazzjoni 2013 kif ukoll tal-pjan ta' irkupru adottat abbażi ta' dan ir-rapport, u talba għad-danni bħala kumpens għad-dannu morali allegatament imġarrab.

Talbiet

- jannulla r-rapport ta' evalwazzjoni stabbilit għar-rikorrenti għas-sena 2013;
- jannulla l-pjan ta' irkupru adottat abbażi tar-rapport ta' evalwazzjoni;
- jikkundanna lill-UASI jikkumpensa d-dannu morali mġarrab mir-rikorrenti, smat għal EUR 10 000, bla ħsara għal żieda jew għal tnaqqis tal-ammont matul il-proċedura;
- jikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2015 – ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-49/15)**

(2015/C 190/43)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* ZZ (rappreżentant: S. Pappas, avukat)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Annulament tad-deċiżjoni li timponi fuq ir-rikorrenti s-sanzjoni dixxiplinari ta' klassifikazzjoni mill-ġdid għall-grad AST5, minkejja li r-rikorrenti kien inħatar fil-grad AD5, għal dikjarazzjonijiet imsejħa foloz sabiex jibbenefika mill-allowance ta' reinstallazzjoni, kif ukoll mill-ħlas għall-ispejjeż taċ-ċaqliq.

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2015 – FS vs KESE**(Kawża F-50/15)**

(2015/C 190/44)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* FS (rappreżentanti: L. Levi u A. Tymen, avukati)*Konvenut:* Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Annulament tad-deċiżjoni li r-rikorrenti ma tiġix ikkonfermata fil-pożizzjoni ta' kap ta' unità u talba għad-danni għad-dannu materjali u morali allegatament imġarrab.

Talbiet

- jannulla d-deċiżjoni tal-25 ta' Mejju 2014 tal-President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) li ma tikkonfermax lir-rikorrenti fil-pożizzjoni ta' kap ta' unità;
- jannulla d-deċiżjoni tal-25 ta' Mejju 2014 intitolata "Nota Nru 2" li tassenja mill-ġdid lir-rikorrenti f'pożizzjoni mhux amministrattiva;
- sa fejn ikun meħtieġ, jannulla d-deċiżjoni tat-18 ta' Diċembru 2014, li tiċħad l-ilment tar-rikorrenti tal-21 ta' Awwissu 2014;
- jikkumpensa d-dannu materjali u morali tar-rikorrenti;
- jikkundanna lill-KESE għall-ispejjeż kollha.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2015 – FR vs EASA**(Kawża F-51/15)**

(2015/C 190/45)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet***Rikorrent:* FR (rappreżentanti: L. Levi and A. Blot, avukati)*Konvenuta:* L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA)